# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fit-23 ta' Novembru 2014 għall-ħabta ta' 04:20 bħala l-persuna li kellu fuq ismu il-liċenza tal-ħanut Taboo Wine Bar, Cospicua Road, Paola : "hallejt jindaqq strument muzikali jew id-daqq ta xi muzika registrata b'xi mod li jkun, jew muzika amplifikata b'xi mezz elettroniku, elettriku jew mod iehor, minghajr il-permess tal-Pulizija u da bi ksur ta LS 10.09 Reg 22.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni mexxiet kontra l-imputat in bażi għall-allegat ksur tar-regolament 22 tal-L.S. 10.09. Issa dan jippreskrivi illi :

> **22.** (1) Ebda persuna bil-liċenza ma għandha tħalli fil-lokal tagħha min jdoqq strumenti mużikali jew id-daqq ta' xi mużika reġistrata b'xi mod li jkun, jew l-amplifikazzjoni ta' dik il-mużika b'xi mezz elettroniku, elettriku jew ieħor, mingħajr il-permess tal- Pulizija.
>
> (2) Dan il-permess speċjali ma għandux jingħata mill-Pulizija jekk issir xi oġġezzjoni għalih mingħand xi ħadd mill-ġirien li d-dar tiegħu tinsab sa bogħod ta' tmintax-il metru mill-ħanut li għalih jintalab il-permess għal raħunijiet li jitqiesu xierqa mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Kummissarju tal-Pulizija u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern, jew l-uffijali li jkunu qegħdin jagħmulha minflokhom.

L-enfażi li qed issir mir-regolamenti hawnhekk huwa fuq il-ħtieġa li l-persuna bil-liċenza ma iddoqqx mużika jekk mhux ukoll bil-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ġie pruvat soddisfaċentement li l-imputat ma kellux liċenza biex idoqq mużika amplifikata wara l-23:00 u dan minn rappreżentant tal-Awtorita ta' Malta dwar it-Turiżmu, li ma kienx qiegħed jixhed f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni mill-banda l-oħra ma resqitx prova li turi li apparti din, anke l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx ta l-permess tiegħu lill-imputat biex ikun jista' jdoqq mużika mill-ħanut tiegħu. Ir-reat f'dan ir-regolament ma hux li l-

imputat daqq il-mużika kontra l-kondizzjonijiet tal-liċenza tiegħu jew li kiser ir-regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ iżda li huwa ma kellux permess mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel dan id-daqq ta' mużika. Prova dwar dan il-permess hija nieqsa f'dan il-proċess.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***